# Il-Fided tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta

## *It-Tieni Parti – Festa 2019*

Emmanuel Magro Conti

Fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra (2018) konna bdejna naraw il-fided li jappartjenu lis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta wara li fil-programmi tal-festi tal-2015, tal-2016 u tal-2017 tajna ħarsa lejn il-fided tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu mwaqqfa fl-istess Santwarju. Għal darb'oħra sejrin naraw li d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu flimkien mal-kult u devozzjoni ma qatgħu xejn f'dawn l-aħħar 450 sena f'din il-knisja, eventwalment mgħollija għal Santwarju mmexxija mill-patrijiet Karmelitani taħt id-direzzjoni ta' kull Pirjol b'dak preżenti Patri Alex Scerri li jkompli din il-ħidma dejjiema. Din is-sena ser naraw għadd ta' affarijiet tal-fidda li jintużaw fuq l-Altar, li għandhom x'jaqsmu b'xi mod jew ieħor mas-Santissimu Sagrament kif ukoll oġġett ieħor li għandhu x'jaqsam ma' sagrament ieħor.

Kull knisja jkollha għadd ta' impulluzzi li huma żewġ reċipjenti pjuttost żgħar li jistgħu jkunu ta' materjali varji li fihom jitqiegħed l-ilma u l-inbid għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Tliet tipi prinċipali jintużaw għall-manifattura tal-impulluzzi li huma: dawk magħmula kompletament minn xi metall jew ieħor inkluż il-fidda, dawk magħmula mill-kristall jew ħġieġ u dawk b'kombinazzjoni ta' kristall jew ħġieġ u metall. Naraw li bosta minn dawn is-settijiet ta' impulluzzi jkunu mmarkati bl-ittra 'A' għal *Aqua* (Ilma) u bl-ittra 'V' għal *Vino* (Inbid). Xi settijiet oħra jkollhom żigarella ħamra ma' xi parti mill-impulluzzi tal-inbid biex tindika l-kontenut speċjalment meta dawn ikunu ta' materjal mhux trasparenti. Wara l-offertorju u qabel il-konsagrazzjoni, iċ-ċelebrant (qassis jew patri) jferra' l-inbid mill-impulluzzu tal-inbid fil-Kalċi u jżid miegħu ftit qtar mill-impulluzzu tal-ilma. Waqt il-konsagrazzjoni, din it-taħlita ta' nbid u ftit ilma titrasforma fid-demm ta' Sidna Ġesù Kristu.

Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu nsibu numru ġmielu ta' impulluzzi. Nibdew bl-aktar wieħed antik. Dan is-sett jintuża għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa fuq l-artal Papali. Kien jintuża fuq l-artal maġġur ta' din il-knisja u llum jinstab fil-Parroċċa tal-Mellieħa wara li dan tneħħa biex sar l-artal Papali u t-Tribuna. Wieħed irid jinnota li sfortunatament, ħafna



settijiet ta' impulluzzi jitkissru u jiġu mibdula matul iż-żmien wara li jitkissru. Għalkemm dan is-sett huwa l-aktar wieħed antik f'din il-knisja, żgur li qablu kien hemm settijiet oħra. Dan is-sett ta' par impulluzzi u l-plattin tagħhom huwa maħsul bid-deheb bit-teknika tal-merkurju. Fuq kull biċċa nsibu dawn l-ittri inċiżi:

**F.E.M.G.C.**

Biss l-aħħar ittra **'C.'** ma nsibuhiex fuq il-plattin forsi bi żball. Xi jfissru dawn l-ittri għadu mhux magħruf imma soltu iskrizzjoni bħal din turi donazzjoni minn persuna jew aktar li forsi min kien/u riedu jibqgħu anonimi. Dan is-sett ta' impulluzzi huwa xogħol Malti u nsibu l-istess marki fuq kull impulluzzu u fuq il-plattin tagħhom. Il-marka prinċipali, li hija l-ittra 'R' ġewwa skudett partikolari qisu djamant b'sitt ponot turi b'ċertezza li dan huwa xogħol Malti. Din il-marka bdiet tiġi użata sa minn żmien il-Gvernatur Sir Thomas Maitland mill-1826 sal-1853, jiġifieri snin wara li kien spiċċa minn Gvernatur ta' Malta. Hemm ukoll immarkat l-annu sħiħ l-1823 li turi meta sar dan is-sett kif kien isir f'Malta f'din l-epoka. Il-marka tal-arġentier turi l-ittri 'PX' li juruna li l-arġentier kien Paolo Xicluna li ħa l-liċenzja ta' arġentier fl-1810. Il-forom tal-impulluzzi huma spirati mill-era Barokka u ż-żennuni tagħhom huma irjus ta' għasafar. Dan id-dettal huwa pjuttost Neo-Klassiku u jirrifletti l-moda tal-perjodu meta anke ż-żennuni tal-istanjati (kafetteriji u ċikkulatjeri) kemm Maltin u barranin kienu jużaw dan il-motif. L-għotjien huma fuq ċappetta u l-manku tal-għotjien ta' kull wieħed huwa bukkett fjuri bħalma nsibu fuq l-għotjien taz-zukkarieri ta' din l-epoka. Il-plattin għandu disinn sbalzat mad-dawra u huwa mgħolli fuq erba' saqajn ta' ljun u minnu joħorġu żewġ ċrieki fuq tliet saqajn kull wieħed biex fihom jitpoġġew l-impulluzzi.

Sett impulluzzi antik ieħor flimkien mal-plattin tagħhom huwa wkoll ta' manifattura Maltija, biss il-marki tal-konslu u tal-arġentier huma mħassra bit-tindif u ma jidhrux sew. L-unika marka li tidher sew hija dik tad-data li turi n-numru 18 f'ċirku li tirrappreżenta s-sena 1874. Il-plattin, ta' daqs ta' 18x11cm kien oriġinarjament inċiż biss bin-*Nome di Maria* inkurunata u b'disa stilel idawruha u mas-saqajn tan-*Nome di Maria* naraw ukoll il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu mdendel. Riċentement, żdiedu żewġ armi oħra inċiżi fuq kull ġenb, dik l-oriġinali li juru dik tal-Belt Valletta u l-oħra tal-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu. Iż-żewġ impulluzzi huma kemxejn żgħar kollha tal-fidda b'disinn pjuttost Barokk dekorat b'weraq sbalzati bl-għotjien fuq ċappetta u huma mmarkati wieħed bl-ittra 'A' u l-ieħor bl-ittra 'V' kif spjegajna aktar 'l fuq. Ma rridux ninsew li l-lingwa użata f'Malta kif ukoll mill-knisja, apparti mil-Latin kienet dik Taljana, użata għal skopijiet bħal dawn ukoll. Dan is-sett kien aktarx jintuża għal artal ta' quddiem il-vara fil-ġranet tal-festa.



Żewġ settijiet ta' impulluzzi u l-plattin tagħhom huma l-istess. Dan it-tip ta' impulluzzi issibhom f'ħafna knejjes madwar Malta u Għawdex. L-impulluzzi u t-tappijiet tagħhom huma tal-ħġieġ imma mmuntat fuqhom, insibu pjanċi tal-fidda dekorata b'weraq, fjuri u għeneb, imma sett wieħed biss minn dawn l-impulluzzi huwa mmarkat bħala fidda 800 li juri li huma fidda Taljana tal-bidu tas-seklu għoxrin. Il-plattin ta' dawn iż-żewġ settijiet huwa wkoll immarkat bħala fidda 800 u huma 27x12cm fid-daqs. Hemm ukoll tmien plattini oħra ta'



impulluzzi mmarkati 800 bħal dawn eżatt imma l-impulluzzi huma tal-ħġieġ, biss bid-dekorazzjoni ta' fuqhom bil-verre eglomise tal-fidda. Dawn jintużaw għal fuq l-altari tal-ġenb ta' dan is-Santwarju fil-jiem tal-festa.



Plattin użat għal sett ta' impulluzzi ieħor huwa fidda Ingliża li huwa ta' daqs ta' 19x10cm. L-impulluzzi li jintużaw miegħu huma wisq probabbli wkoll tal-ħġieġ dekorat minn fost kwantità li għandu s-Santwarju. Il-marki juru li huwa fidda Sterling (925 minn 1000 millims), magħmul Sheffield fis-sena 1926. Il-marka tal-arġentier ma tidhirx sew. Proprjament, dan il-plattin jidher li oriġinarjament kien Cruet Tray, plattin għaż-żejt u l-ħall għal fuq il-mejda tal-ikel. Xi ħadd jidher li tah lis-Santwarju forsi b'wegħda. Fuqu reċentement ġew inċiżi emblemi Ewkaristiċi u l-armi tal-Bażilika u tal-Belt Valletta.



Insibu f'dan is-Santwarju żewġ Buġiji. Skont ir-rit Ruman, il-Bugia kienet tintuża waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa solenni meta jqaddes l-Isqof, l-Arċisqof, Kardinal jew il-Papa, biex ikun hemm id-dawl viċin taċ-ċelebrant. Fil-każ ta' Malta, l-użu tal-Bugia kien riservat għall-Isqof u wara wkoll għall-Arċisqof. Meta jżurna xi Kardinal, il-Bugia kienet tintuża wkoll. Il-Bugia hija sempliċement gandlier żgħir li għandu manku orizzontali twil minn fejn l-assistent taċ-ċelebrant dinjituż seta' jidderieġi x-xemgħa mixgħula lejn iċ-ċelebrant biex jaqra jew jagħmel xi ħaġ'oħra waqt il-funzjoni. Ma rridux ninsew, li d-dawl fil-knejjes kif inhu llum ma kienx jeżisti sa ftit aktar minn mitt sena ilu.



L-aktar Bugia antika li nsibu fis-Santwarju għandha bżonn restawr professjonali imma xorta waħda tħallik bla nifs tħares lejha u bl-ebda dubju hija waħda mill-isbaħ li nsibu fil-gżejjer Maltin. Hija xogħol Malti tal-perjodu tal-Gran Mastru Emmanuel Maria de Rohan (1775-1797) minħabba li parti sostanzjali tal-marka tal-konslu li turi l-ittra 'R' inkurunata b'kuruna magħluqa għadha tidher. Din il-marka tfisser li ntużat fidda safja ta' 11-il denier minn tnax magħrufa f'dak iż-żmien bħala fidda Rumana (għal Ruma). Hemm marka oħra sfortunatament mhux rikonoxxibbli. Il-manku twil huwa kollu dekorat b'xogħol sbalzat. Fit-tarf insibu l-arma tal-Madonna tal-Karmnu inkurunata b'kuruna miftuħa fuq sfond ta' arzella bil-ġilji u l-palm fuq il-ġnub. Fuq din l-arma eżatt, xbieha fi skudett ovali imdawwar bir-rand u palm tal-Madonna żżomm il-Bambin bil-Labtu f'idha. Il-kumplament tal-manku huwa dekorat b'girlandi ta' weraq, qishom liedna ħerġin minn speċi ta' żewġ skrollijiet u dekorazzjonijiet oħrajn minn fejn tibda l-plattina sagomata bit-tarf imtarraġ tal-Bugia li tistrieħ fuq tliet saqajn dekorati. Dieħla u ħierġa madwar it-tarf imtarraġ ta' din il-plattina nsibu girlanda oħra qisha liedna li tibda u tispiċċa minn taħt żewġ armi inkurunati li fihom biss l-ittri '**P**' u '**F**' imdawrin b'għadd ta' fjuri u weraq ieħor. Il-bokkin tax-xemgħa fin-nofs tal-plattin huwa sempliċi. Ix-xogħol huwa kollu fuq stil Rokoko b'idjoma Maltija kemxejn ristrett. Id-daqs tagħha huwa wkoll sabiħ b'tul ta' 28cm u l-wesa' tal-plattina ta' 9cm.



Il-Bugia l-oħra hija wkoll tal-fidda imma oriġinarjament hija ta' natura domestika u mhux tal-knejjes b'daqs ta' 16x13cm. Din it-tip ta' Bugia kienet tintuża l-aktar fil-kmamar tas-sodda biex persuna tmur minn kamra għal ohra matul il-lejl meta fid-djar



ma kienx hemm il-luce elettrika. Din il-Bugia li saret lejn l-aħħar tas-seklu dsatax hija xogħol Ġermaniż. Hija magħmula minn werqa kbira li z-zokk tagħha jifforma l-manku u jżomm ukoll il-bokkin tax-xemgħa f'nofs il-werqa. Magħha għandha wkoll snuffer biex titfi x-xemgħa li jżomm b'ganċ mal-bokkin tax-xemgħa.



Xogħol bħal dan u affarijiet oħra tal-fidda mill-Ġermanja kien jimpurtahom arġentier famuż Malti, Francis Meli li ismu sħiħ jidher stampat/inċiż fuqha. Għandha skrizzjoni żgħira inċiża fuq il-bokkin tax-xemgħa li jgħid hekk:

**VINCENZA TANTI DONAVIT A.D. 1943**

Wisq probabbli, din il-*Bugia* ingħatat bħala wegħda mis-Sinjura Vincenza Tanti aktarx minħabba xi ħaġa li ġrat matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945).

Fil-knejjes waqt il-quddies u funzjonijiet oħrajn, nisimgħu d-daqq ta' qniepen żgħar. Matul il-quddiesa, waqt il-Konsagrazzjoni u f'Sibt il-Għid fil-Glorja, nisimgħu d-daqq tal-qniepen jew ċimbali kif ukoll waqt il-Barka Sagramentali. Fis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, insibu numru ta' qniepen tal-fidda.



Par qniepen, waħda kbira u l-oħra iżgħar, huma l-aktar antiki u t-tnejn li huma kienu maħsula bid-deheb bit-teknika tal-merkurju. Probabbilment kienu jiffurmaw parti minn sett ikbar peress li hemm differenza fid-daqs. Settijiet ta' għadd ta' qniepen simili kienu jintużaw għal Sibt il-Għid fil-Glorja jew waqt xi Barka Sagramentali solenni. Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax, dawn it-tip ta' qniepen ġew mibdula minn ċimbali li huma grupp ta' bejn tlieta sa ħames sferi tal-metall magħqudin flimkien, tant li abbati wieħed setgħa jdoqq b'moviment b'id waħda. Il-qanpiena l-kbira, ta' piż sabiħ għandha żewġ marki fuqha li biss ma jistgħux jinqraw u hija ta' 12.5cm tul u b'dijametru ta' 8cm. Il-qanpiena ż-żgħira għandha tul ta' 9.5cm u dijametru ta' 4.5cm. Iż-żewġ qniepen għandhom l-istess disinn tal-manku għajr li l-kbira tilfet il-ponta tal-manku u l-istess jista' jingħad għaż-żaqq tal-qniepen. Fuq il-qanpiena ż-żgħira nsibu din l-iskrizzjoni inċiża:

**IOSEPH FARRUGIA RECTOR DEDIT 1793**

B'hekk nafu li ċertu Joseph Farrugia kien Rettur u li taha din il-qanpiena fis-sena 1793. Imma ta' xiex kien Rettur dan Joseph Farrugia? Ta' xi Fratellanza? Nisperaw li b'riċerka f'arkivji tal-fratellanzi ta' din il-knisja aktar 'l quddiem inkunu nistgħu nwieġbu dawn id-domandi.

Qanpiena oħra, żgħira ta' 12cm tul b'6cm dijametru hija pjuttost sempliċi u oriġinarjament



għandha kuntest domestiku. Dawn it-tip ta' qniepen kienu jintużaw fuq il-mejda tal-ikel fi djar sinjorili biex il-kap tal-familja jċemplilhom biex jibda jiġi servut l-ikel jew inkella fil-kmamar tas-sodda biex persuna marida jew sinjura, tgħajjat biha għall-għajnuna/bżonnijiet li kien ikollhom. Għandha skrizzjoni inċiża fuqha li tgħid hekk:

**ADELINA XUEREB DONAVIT A.D. 1932**

B'dan nafu li s-Sinjura Adelina Xuereb kienet tat din il-qanpiena fl-1932. Ma nafux però jekk kinitx mogħtija b'sempliċi żelu jew b'wegħda. Din il-qanpiena hija interessanti minħabba li saret Chester, l-Ingilterra u ġġib il-marki tas-sena 1928 kif ukoll marka oħra li hija magħmula minn fidda *Sterling* (925) u li saret minn W.V&S li kienu arġentiera li raw il-bidu tagħhom f'Birmingham bl-isem ta' William Vale and Sons reġistrati fis-sena 1895. Chester kien rinomat għall-kwalità tal-fidda li kien jiċċertifika. L-uffiċċju tal-konslu kien pjuttost żgħir u sfortunatament kien ġie magħluq f'Awwissu tal-1962. Il-kwantità ta' fidda mmarkata minn dan l-uffiċċju qatt ma kienet kbira u għalhekk fidda mmarkata Chester dejjem kienet rari u għadha mfittxija sal-lum mill-kollezzjonisti.



Il-Malti emigrant qatt ma nesa art twelidu u wisq aktar it-twemmin tiegħu. Qanpiena żgħira fis-santwarju Karmelitan tal-Belt Valletta tixhed dan. B'tul ta' 11.5cm u b'dijametru ta' 7cm, din il-qanpiena hija ddekorata bi fjuri żgħar inċiżi. Hija xogħol Malti għax hija mmarkata 917M, tali marka kienet użata f'Malta bejn l-1920 u l-1964. Fuq ix-xoffa minn ġewwa nsibu din l-iskrizzjoni:

**CONTA. CARMELITANA ALESANDRIA D'EGITTO**

B'din l-iskrizzjoni nafu li kien hemm konfraternità Karmelitana fl-Eġittu u li din il-qanpiena jew kienet tagħha jew inkella ġiet mogħtija lis-Santwarju Belti minnha. Jista' jkun li l-membri ta' din il-konfraternità taw din il-qanpiena wara li spiċċat minn Lixandra għal xi raġuni jew oħra, wisq probabbli matul il-kriżi tal-Kanal tas-Swejż fl-1956.



Sett ta' seba' qniepen tal-fidda huwa kurjuż mhux ftit. Ma għandhomx marki imma huma kollha fidda u jġibu d-dati permezz ta' skrizzjonijiet bejn l-1931 u l-1935. L-ikbar qanpiena fiha 14cm tul b'dijametru ta' 8cm u l-iżgħar qanpiena ta' dan is-sett fiha 12.5cm tul b'dijametru ta' 6.3cm u għandhom qisien u toqol differenti kif wkoll in-noti tagħhom. Kollha huma inċiżi b'arma tal-Madonna tal-Karmnu, biss il-ħamsa tan-nofs għandhom id il-Profeta Elija ħierġa mill-kuruna li ma nsibuhiex fiż-żgħira u l-kbira. L-ikbar qanpiena għandha skrizzjoni kif ġej:

**CONV. CARM. CIV. VALLETTAE A.D. 1933**

Is-sitt qanpiena minbarra l-arma hawn fuq imsemmija, għandha wkoll salib ta' Malta bejn il-manku u l-qanpiena u inċiża fuqha għandha:

**A.D. 1935**

Il-qanpiena ż-żgħira għandha din l-iskrizzjoni fuqha wkoll:

**CONV. CARM. CIV. VALLETTAE A.D. 1931**

Jidher li dan is-sett, li llum jintuża waħda fuq kull gradenzina tal-artali tal-ġnub, kien bidel sett aktar antik ta' qniepen tas-seklu tmintax li tkellimna aktar 'l fuq dwaru li minnu baqgħu tnejn biss. Settijiet bħal dawn kif għidna aktar 'l fuq, kienu jintużaw fil-Glorja ta' Sibt il-Għid u Barki Ewkaristiċi Solenni. Ħajr lil Robert Cassar li tani aktar tagħrif fuq l-użu probabbli ta' settijiet ta' qniepen bħal dawn.



F'kull parroċċa ssib tliet reċipjenti żgħar li fihom ikollhom it-tliet żjut sagri li huma dawk tal-Magħmudija, tal-Griżma tal-Isqof u tal-Griżma tal-Morda. Minnhom infushom dawn it-tliet reċipjenti juru li knisja hija parroċċa għax il-Magħmudija u l-Griżma tal-Isqof, f'parroċċi biss jistgħu jiġu amministrati. Imma l-Griżma tal-Morda/*Moribondi* tista' tingħata minn ċertu knejjes ukoll u l-aħħar oġġett li ser naraw din is-sena hija appuntu r-reċipjent b'forma ta' kaxxa żgħira li fiha kien ikun jinżamm iż-żejt tal-Griżma tal-Morda jew tal-*Estrema Unzione* f'din il-knisja li eventwalment saret Santwarju. Fost il-midħla ta' dan is-Santwarju din il-kaxxa għandha isem – PERPETWA.

Marki ma jidhrux imma hija tal-fidda u tidher li hi xogħol Malti tas-seklu sbatax. Il-kundizzjoni tagħha hija perfetta li turi li ftit li xejn intużat u meta ntużat, dan sar b'diliġenza u jista' jkun li ntużat biss għall-patrijiet moribondi. Hija kaxxa żgħira ta' 6x6x10cm fuq erba' saqajn, nofs boċċa kollha dekorata b'motivi ġeometriċi inċiżi. L-għatu li jiftaħ fuq ċappetta huwa andulat b'dekorazzjonijiet ġeometrici inċiżi wkoll, li jinżamm magħluq permezz ta' żewġ ganġetti żgħar fuq il-ġnub. Bħala manku tal-għatu nsibu salib ta' Malta. Meta tinfetaħ insibu reċipjent ċilindriku żgħir b'għatu li jistgħu jinħarġu mill-kaxxa ewlenija. Fuq tliet naħat tal-kaxxa nsibu din l-iskrizzjoni:

**F GIO: BATTISTA RVGGIER: 1704**

Min kien dan F. Giovanni Battista Ruggier għad irridu nsibu u għaliex ismu u din id-data nsibuhom inċiżi fuqha. Fuq il-faċċata ta' din il-kaxxa għandha arma ta' Isqof ta' Malta li ma hu ħadd ħlief Fra Davide Cocco Palmieri (1681/4-1711), li l-arma tiegħu tidher taħt dik tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680-1690). B'hekk nafu li din saret bejn is-snin 1684-1690. Is-sena l-oħra rajna kif dan l-Isqof mill-Kalabria, kien Kappillan Konventwali tal-Ordni, li kien sinjur minnu u li kien joqgħod Malta. Kien l-*elemonisiniere* tal-Gran Mastru Caraffa u li kien irrinunzja l-kariga ta' Isqof meta ġie magħżul fl-1681 minħabba r-renti kbar li kien ser ikollu, imma fl-aħħar aċċetta u ġie kkonsagrat fl-1684. Rajna li dan is-Santwarju għandu sfera tas-Santissimu Sagrament u Pissidi li jġibu l-arma tiegħu. L-Isqof Cocco Palmieri jidher li kien iħobb il-Knisja u l-Patrijiet Karmelitani mhux ftit.

Jekk Alla jrid, is-sena d-dieħla, naraw numru ta' affarijiet li huma simboli ta' devozzjoni, kollha magħmulin mill-fidda li għandu dan is-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.